MALTA

# QORTI KOSTITUZZJONALI

**ONOR. IMHALLEF -- AGENT PRESIDENT**
**GEOFFREY VALENZIA**

**ONOR. IMHALLEF**
**GIANNINO CARUANA DEMAJO**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tat-23 ta' Mejju, 2011

Appell Civili Numru. 43/2008/1

**Joanne Cassar**
***versus***
**Direttur tar-Reġistru Pubbliku u l-Avukat Ġenerali**

1. Dan huwa appell minn sentenza illi sabet illi r-rifjut tar-Reġistratur taż-Żwieġ illi joħroġ tnidijiet għaż-żwieġ tal-attriċi jikser id-drittijiet fondamentali tagħha mħarsa taħt l-artt. 8 u 12 tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali ["il-Konvenzjoni"].

**Il-Fatti**

2. Il-fatti relevanti seħħew hekk: L-attriċi twieldet fl-24 ta' Settembru 1981 u ġiet reġistrata bħala ta' sess maskili

u mogħtija l-isem ta’ Joseph. Billi iżda l-imġieba, l-inklinazzjonijiet u l-orjentament tagħha kienu femminili, qagħdet għal intervent magħruf bħala *gender reassignment surgery* biex assumiet is-sess femminili b’mod irriversibbli.

3. L-attriċi mbagħad għamlet azzjoni ġudizzjarja taħt l-art. 257A tal-Kodiċi Ċivili[1] u l-Prim’Awla tal-Qorti Ċivili b’sentenza mogħtija fit-28 ta’ Ġunju 2006 laqgħet it-talbiet tagħha, qalet illi assumiet is-sess femminili b’mod irriversibbli u ordnat illi ssir annotazzjoni fl-att ta’ twelid tagħha fil-partikolaritajiet dwar is-sess u wkoll fis-sens illi isem l-attriċi minn “Joseph” isir “Joanne”. Wara din is-sentenza nħareġ ċertifikat tat-twelid li juri lill-attriċi bħala mara.

4. L-attriċi għamlet imbagħad talba għall-pubblikazzjoni tat-tnidijiet biex tiżżewweġ ma’ raġel iżda r-Reġistratur taż-Żwieġ [“ir-Reġistratur”] kien tal-fehma li ma setax igħaddi għall-pubblikazzjoni u għalhekk għarraf lill-attriċi b’dan taħt l-art. 8(1) tal-Att dwar iż-Żwieġ [“Kap. 255”]. L-attriċi għalhekk għamlet rikors quddiem il-Qorti Ċivili (Sezzjoni Ġurisdizzjoni Volontarja) taħt l-art. 8(2) tal-Kap. 255 sabiex din tordna lir-Reġistratur joħroġ it-tnidijiet. Il-qorti laqgħet it-talba b’dikriet tat-12 ta’ Frar 2007.

5. Ir-Reġistratur iżda fetaħ kawża biex jitlob li jitħassar id-dikriet tat-12 ta’ Frar 2007 u b’sentenza mogħtija fil-21 ta’ Mejju 2008 il-Prim’Awla tal-Qorti Ċivili laqgħet it-talba u ħassret id-dikriet “billi l-istess dikriet jinbena fuq premessa li ma taqbilx mar-realtà għaliex il-partijiet li għalihom jirreferi ma humiex ta’ sess oppost” u għax “żwieġ bejn [l-attriċi] u persuna oħra ta’ sess maskil imur kontra d-dispożizzjonijiet tal-Att tal-1975 dwar iż-Żwieġ”. Il-qorti iddikjarat ukoll illi:

«… … … l-annotazzjoni li saret fuq l-Att tat-Twelid tal-parti intimata bis-saħħa tas-sentenza mogħtija fit-28 ta’ Ġunju 2006 saret biss għal skop tal-ħarsien tal-privatezza tagħha u ma tagħtiha l-ebda dritt li titqies bħala “mara” għall-finijiet tal-kontrattazzjoni ta’ żwieġ.»

**It-Talbiet tal-Attriċi**

---

[1] **257A.** (1) Kull persuna mhux miżżewġa li jkollha d-domiċilju tagħha f’Malta tista’ tagħmel azzjoni ġudizzjarja biex issir annotazzjoni rigward il-partikolaritajiet dwar is-sess li jkunu ġew assenjati lilu jew lilha fl-att ta’ twelid.

6. L-attriċi tgħid illi l-liġi kif interpretata fis-sentenza tal-21 ta' Mejju 2008 tikser id-drittijiet fondamentali tagħha mħarsa taħt l-artt. 32(*ċ*) u 36 tal-Kostituzzjoni ta' Malta ["il-Kostituzzjoni"] u l-artt. 3, 8 u 12 tal-Konvenzjoni. Għalhekk b'rikors kostituzzjonali tad-29 ta' Lulju 2008 quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili talbet illi l-qorti:

i. tgħid illi, għax l-liġi ta' Malta ma tagħrafx lit-transesswali bħala persuni tas-sess miksub għall-għanijiet kollha tal-liġi, fosthom il-liġi taż-żwieġ, dan jikser il-jedd tagħha mħares taħt l-art. 32(*ċ*) tal-Kostituzzjoni u l-artt. 8 u 12 tal-Konvenzjoni;

ii. tgħid illi, għax skond il-liġi ta' Malta persuna transesswali la tista' tiżżewweġ ma' raġel u lanqas tista' tiżżewweġ ma' mara, dan jikser il-jedd tal-attriċi li ma tiġix assoġġettata għal trattament inuman u degradanti mħares taħt l-art. 36 tal-Kostituzzjoni u l-art. 3 tal-Konvenzjoni;

iii. tagħtiha dawk ir-rimedji li jidhrulha xierqa għat-twettiq tad-drittijiet fondamentali fuq imsemmija, fosthom li tgħid illi l-konvenut Direttur tar-Reġistru Pubbliku (bħala Reġistratur taż-Żwieġ), ma jistax jirrifjuta li joħroġ it-tnidijiet għaż-żwieġ tal-attriċi ma' persuna oħra tas-sess maskili minħabba l-fatt illi l-attriċi twieldet raġel u qagħdet għall-intervent ta' *gender reassignment*;

iv. tillikwida kumpens li għandu jitħallas lill-attriċi minħabba fil-ksur tal-jeddijiet tagħha.

**L-Eċċezzjonijiet tal-Konvenuti**

7. Il-konvenuti wieġbu fid-9 ta' Settembru 2008 u ressqu dawn l-eċċezzjoni-jiet:

i. l-art. 32 tal-Kostituzzjoni ma huwiex ġustizzjabbli u ma jistax jiġi invokat;

ii. l-art. 257A tal-Kodiċi Ċivili huwa maħsub biss sabiex persuna li tkun kisbet id-dehra minn barra ta' persuna tas-sess oppost ma tkunx imbarazzata meta tipproduċi dokumenti uffiċjali li juru xort'oħra;

iii. ma hemm ebda ksur tal-art. 8 tal-Konvenzjoni għax dak l-artikolu, fil-waqt li jħares id-dritt għar-rispett tal-ħajja familjari u ma jridx li jsir indħil minn awtorità pubblika fit-tgawdija ta' dak id-dritt, fis-subartikolu (2) tiegħu jikkontempla każijiet fejn indħil mill-istat ikun leċitu u legali;

iv. ma hemm ebda ksur tal-art. 12 tal-Konvenzjoni għax id-dritt taż-żwieġ jingħata biss għal għaqda bejn

raġel u mara illi jkunu ġenetikament ikklassifikati bħala raġel u mara; u

v. ma hemm ebda ksur tal-art. 3 tal-Konvenzjoni u l-art. 36 tal-Kostituzzjoni għax ma huwiex minnu illi l-attriċi qiegħda b'xi mod tiġi assoġġettata għal trattament inuman.

**Is-Sentenza tal-ewwel Qorti**

8. B'sentenza mogħtija fit-30 ta' Novembru 2010 il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili hekk iddisponiet mit-talbiet tal-attriċi u mill-eċċezzjonijiet tal-konvenuta:

«… … … il-qorti taqta' u tiddeċiedi billi, filwaqt li tilqa' l-ewwel u l-ħames eċċezzjoni tal-intimati fil-każ biss li l-istess huma konformi ma' dak hawn deċiż, iżda tiċħad l-eċċezzjonijiet l-oħra tal-intimati in kwantu inkonsistenti ma' dak hawn deċiż, u filwaqt li tiċħad it-tieni u r-raba' talba tar-rikorrenti, iżda tilqa' l-ewwel u t-tielet talba tar-rikorrenti fir-rikors tagħha datat 29 ta' Lulju 2008 biss fil-kuntest ta' dak hawn deċiż, b'dan illi:-

«i) tiddikjara illi, minħabba illi l-fatt illi l-liġi ta' Malta kif applikata u interpretata mill-intimat id-Direttur tar-Reġistru Pubbliku, ma rrikonoxxietx it-transesswali bħala persuni tas-sess akkwistat għall-finijiet u effetti kollha tagħha inkluz ai finijiet tal-liġi taż-żwieġ, u għalhekk u biss f'dan is-sens ġew leżi d-drittijiet tar-rikorrenti skond l-artikoli 8 u 12 tal-Konvenzjoni Ewropeja għad-Drittijiet tal-Bniedem;

«ii) tiddikjara illi l-intimat Direttur tar-Reġistru Pubbliku ma jistax jirrifjuta li joħroġ it-tnidijiet għaż-żwieġ tar-rikorrenti ma' persuna oħra ta' sess maskil u dan a bażi tal-fatt illi r-rikorrenti twieldet bħala raġel u ssottomettiet ruħha għall-operazzjoni fuq indikata u assumiet u akkwistat is-sess ta' mara u dan kif rifless fl-annotazzjonijiet li saru fiċ-ċertifikat tat-twelid tagħha konsegwenti għas-sentenza fl-ismijiet <u>Joseph *sive* Joanne Cassar *vs* Direttur tar-Reġistru Pubbliku</u> (P.A. (RCP) – 28 ta' Gunju 2006).

«Bl-ispejjeż kontra l-intimati.»

9. Il-qorti immotivat hekk is-sentenza tagħha:

«… … … fid-dawl tal-eċċezzjonijiet tal-intimat, jingħad fl-ewwel lok dwar l-applikabbilità tal-artikolu 32(*ċ*) tal-Kostituzzjoni ta' Malta li r-rikorrenti qed tallega li dan l-artikolu jitkellem dwar ir-rispett għall-ħajja privata u familjari. F'dan il-kuntest jingħad li l-qorti taqbel mas-sottomissjoni tal-intimati f'dan ir-rigward fis-sens li l-

artikolu 32 tal-Kostituzzjoni mhuwiex wieħed enforzabbli taħt l-artikolu 46 tal-istess Kostituzzjoni li huwa l-artikolu li jagħti l-ġurisdizzjoni lil din il-qorti li teżamina ksur ta' drittijiet fundamentali tal-bniedem. Dan l-artikolu 46 infatti jsemmi biss id-drittijiet fundamentali elenkati fl-artikoli 33 sa 45 tal-Kostituzzjoni u allura t-talbiet tar-rikorrenti fuq dan il-punt qed jiġu miċħuda.

… … …

«… … … Però d-dritt għar-rispett tal-ħajja privata, tad-dar u tal-korrispondenza huma msemmija wkoll fl-artikolu 8 u jifformaw parti integrali mid-dritt sostantiv taghna … … …

«[F]is-sentenza fl-ismijiet Id-Direttur tar-Reġistru Pubbliku *vs* Joanne Cassar (P.A. (JRM) – 21 ta' Mejju 2008) ingħad li l-effett [tal-artt. 257A sa D tal-Kodiċi Ċivili] u tas-sentenza dikjaratorja [tat-28 ta' Ġunju 2006] "jolqot radikalment l-identità tal-persuna li tkun (u mhux biss id-dehra taghha) għall-finijiet tal-i*status* tagħha f'għajnejn il-liġi u għall-finijiet u effetti kollha tal-istess liġi bla ebda distinzjoni ta' xejn".

«Illi f'dan il-kuntest din il-qorti taddotta l-istess dikjarazzjoni iżda mill-bqija tiddipartixxi minn dak li ngħad fl-istess sentenza fis-sens li tali bdil fis-sess kif annotat għandu jservi biss għal ċertu sitwazzjonijiet. Dan għaliex jidher li l-liġi pprovdiet li r-rikonoxximent tas-sess assunt kellu jservi għal kull avveniment fil-futur u dan huwa naturali, għaliex huwa biss b'riżultat tal-interventi li saru li attwalment is-sess tal-persuna indikata kellu jiġi l-ewwel mibdul bl-interventi appositi rikonoxxuti mill-liġi, u mbagħad fil-liġi; il-fatt li dan it-tibdil isir b'annotazzjoni ma jbiddel xejn mill-fatt li permezz tal-istess is-sess assunt jew akkwistat mill-persuna, dan ġie rikonoxxut legalment; il-fatt li tali bidla fil-liġi seħħet minħabba li l-qorti kienet sabet li n-nuqqas ta' rikonoxximent tal-istat ta' sess assunt kien jikser l-artikolu 8 tal-Konvenzjoni, ma jfissirx li dan kien riferibbli biss għad-dritt ta' rispett lejn il-ħajja privata u dan għaliex l-istess artikolu jipproteġi wkoll id-dritt ta' kull persuna għall-familja u mkien fis-sentenzi li saret riferenza ghalihom ma ngħad li dan il-bdil fis-sess tal-persuna għandu jservi biss għal xi skopijiet ċivili iżda mhux għal oħrajn; fl-aħħarnett il-fatt li tali dritt ġie mogħti biss lil persuna "mhux miżżewġa" jfisser li l-leġislatur kellu f'moħħu u ikkonsidra x'effett tali bdil kien ser ikollu fuq

persuna miżżewġa b'dan li kien ser jaffettwa l-ħajja miżżewġa (proprju għaliex kienet ser tinħoloq sitwazzjoni fejn is-sess assunt jew akkwist ikun allura simili għal dak tal-persuna l-oħra involuta f'tali żwieġ), u allura tali dritt ġie ristrett għal persuna mhux miżżewġa, b'dan għalhekk tali persuna li fil-futur setgħet titlob li tiżżewweġ.
… … …
«… … … din il-qorti hija tal-fehma li l-introduzzjoni ta' dan l-artikolu [257A tal-Kodiċi Ċivili] mhux intiż biss sabiex jissalvagwarda d-drittijiet tar-rikorrent fit-termini ta' privatezza kif qed jifhimhom l-intimat, iżda l-kappa ta' protezzjoni hija bil-wisq ikbar għaliex il-bdil fiċ-ċertifikat tat-twelid tar-rikorrenti jintitola l-istess, kif jippovdu l-istess artikoli, sabiex l-awtoritajiet kompetenti joħorġu d-dokumenti kollha neċessarji, inklużi dawk tal-karta tal-identità, u allura wkoll passporti, reġistrazzjoni tax-xogħol, u kull ċertifikati oħra, sabiex l-istess persuna, fis-soċjetà u fit-trattamenti tagħha mal-awtoritajiet kompetenti, tiġi trattata għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi bħala mara, *cioè* konformament mas-sess tagħha jew assunt minnha wara l-interventi msemmija, u in vista tad-dikjarazzjoni tal-qorti, u l-annotazzjojnijiet appositi. Din il-qorti tħoss li kemm-il darba awtoritajiet governattivi, inkluż l-intimat, ma jirrikonoxxux, anke għaż-żwieġ, is-sess tagħha assunt jew akkwistat bħala s-sess applikabbli għaliha, anke għall-fini tal-Liġi taż-Żwieġ, dan jammonta għal ksur tad-drittijiet tagħha bħala mara u konsegwenti ksur tal-istess artikolu 8 tal-Konvenzjoni.
«Illi għalhekk huwa d-dritt tar-rikorrenti skond l-istess artikolu li tiġi rikonoxxuta bħala mara, skond is-sess assunt tagħha, mill-organi kollha tal-istat, u dan anke in vista taċ-ċertifikat tat-twelid hekk annotat u emendat skond il-liġi, u kull nuqqas ta' rikonoxximent bħala tali mhux biss imur kontra l-liġi (Kap. 16), iżda wkoll kontra d-disposizzjonijiet tal-artikolu 8 tal-Konvenzjoni, għaliex, kif ġà spjegat, hawnhekk mhux qegħdin nitkellmu sempliċiment fuq mezzi biex persuna transesswali ma tkunx imbarazzata, iżda qegħdin nitkellmu dwar id-dinjità u libertà tal-individwu, u d-dritt tiegħu li jiġi rikonoxxut u trattat skond is-sess tagħha akkwistat jew assunt, hekk kif issa rikonoxxut legalment, u dan in kwantu jirreferi għall-atti kollha ċivili li jseħħu wara l-istess annotazzjoni.

… … …
«Hawn Malta saru l-emendi permezz tal-artikolu 257A u 257D tal-Kap. 16 u f'dan il-kuntest is-sess tal-persuna tar-rikorrenti hekk akkwistat ġie rikonoxxut, iżda in kwantu l-istess jista' jiġi b'xi mod interpretat, kif ġie interpretat, li dan japplika biss għal ċertu ċirkostanzi wara li ssir tali annotazzjoni, tali deċiżjoni, tittieħed minn min tittieħed, jew ittieħdet minn min ittieħdet, inkluż allura mill-intimat, tmur kontra d-disposizzjonijiet tal-artikolu 8 tal-Konvenzjoni, u għalhekk in kwantu l-istess rikorrenti ma ġietx trattata u kkunsidrata bħala tas-sess femminili fil-kuntest tat-talba tagħha biex tiżżewweġ persona tas-sess oppost għal dak minnha assunt jew akkwistat, tali deċiżjoni, irrispettivament minn min ingħatat, tilledi u kisret id-drittijiet tar-rikorrenti skond id-disposizzjonijiet tal-artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropeja.
… … …
«Illi jekk il-kawża tar-rikorrenti tiġi trattata taħt id-disposizzjonijiet tal-artikolu 12 tal-Konvenzjoni Ewropeja jingħad li … … … llum hija ċara u konsistenti l-pożizzjoni li ħadet il-Qorti Ewropeja fis-sens li persuna li bidlet is-sess tagħha b'mod irreversibbli bħall-każ odjern, ma tistax tiġi impeduta mill-istat li tiżżewweġ persuna tas-sess oppost minn dak ta' dak minnha assunt jew akkwistat u rikonoxxut skond il-liġi. Dak li ma huwiex permess huwa żwieġ bejn żewġ persuni tal-istess sess, u persuna li bidlet is-sess tagħha, kif provdut mil-liġi, u rikonoxxuta bħala tali, għandha d-dritt li tiżżewweġ persuna tas-sess oppost għal dak minnha assunt jew akkwistat; altrimenti, jekk tiġi impeduta milli tagħmel dan, hija ma tkunx tista' tiżżewweġ, għaliex ċertament ma tistax tiżżewweġ persuna tas-sess simili għal dak li twieldet bih għaliex b'hekk tiġi li qed tiżżewweġ persuna tal-istess sess, b'dan li f'dawn iċ-ċirkostanzi l-istat ikun qed jikser id-dritt tagħha kif protett taħt id-disposizzjonijiet tal-artikolu 12 tal-Konvenzjoni.
… … …
«Illi din l-qorti hija tal-fehma li n-nuqqas tas-salvagwardji kif konsidrati f'din id-deċiżjoni anke fil-kuntest *sia* ta' l-artikolu 8 u *sia* tal-artikolu 12, sabiex ir-rikorrenti, persuna transesswali, tkun tista' tgħix id-dinjità u libertà tagħha bħal individwi oħra fil-pajjiż, ma jammontawx għal ksur tal-

artikolu 3 tal-Konvenzjoni u artikolu 36 tal-Kostituzzjoni ta' Malta għalkemm fil-kuntest ta' dak deċiż din hija biss kwistjoni akkademika.

«Illi fl-aħħarnett il-qorti tħoss li d-dikjarazzjonijiet hawn fuq indikati, li jwasslu sabiex jintlaqgħu l-ewwel u t-tielet talba attriċi, huma rimedji adegwati u sufficjenti għall-każ in eżami u r-raba' talba ma għandhiex tiġi milqugħa.»

**L-Appell tal-Konvenuti**

10. B'rikors tas-17 ta' Diċembru 2010 il-konvenuti appellaw minn din is-sentenza u talbu illi din il-qorti tirriformaha billi tikkonfermaha fejn laqgħet l-ewwel u l-ħames eċċezzjonijiet tagħhom u fejn ċaħdet it-tieni u r-raba' talbiet tal-attriċi, u tħassarha fil-bqija tagħha u tiċħad it-talbiet kollha tal-attriċi. L-aggravji tagħhom huma dawn:

i. illi l-ewwel qorti "għamlet interpretazzjoni ħażina tal-applikabilità tal-artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropeja"; u

ii. illi l-ewwel qorti "għamlet interpretazzjoni ħażina tal-applikabilità tal-artikolu 12 tal-Konvenzjoni Ewropeja".

11. L-attriċi wieġbet fit-22 ta' Diċembru 2010.

**L-ewwel Aggravju – l-artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropeja**

12. Biex ifissru l-ewwel aggravju tagħhom, dwar l-art. 8 tal-Konvenzjoni, il-konvenuti appellanti qalu illi l-ewwel qorti interpretat ħażin dak l-artikolu għax "skartat kompletament il-fatt illi l-art. 8 tal-Konvenzjoni ma jiggarantix id-dritt li wieħed ikollu familja iżda jippresupponi l-eżistenza ta' familja", u komplew igħidu illi l-attriċi "ma ġabet l-ebda prova li hemm eżistenti xi familja bejnha u xi persuna oħra, u dan lanqas fit-tifsira l-aktar wiesgħa tagħha".

13. L-art. 8 tal-Konvenzjoni jgħid hekk:

ARTIKOLU 8

(1) Kulħadd għandu d-dritt għar-rispett tal-ħajja privata tiegħu u tal-familja tiegħu, ta' daru u tal-korrispondenza tiegħu.

(2) Ma għandux ikun hemm indħil minn awtorità pubblika dwar l-eżerċizzju ta' dan id-dritt ħlief dak li jkun skond il-liġi u li jkun meħtieġ f'soċjetà demokratika fl-interessi tas-sigurtà nazzjonali, sigurtà pubblika jew il-ġid ekonomiku tal-pajjiż, biex jiġi evitat id-diżordni jew l-għemil ta' delitti, għall-protezzjoni tas-saħħa jew tal-morali, jew għall-protezzjoni tad-drittijiet u libertajiet ta' ħaddieħor.

14. Għalkemm huwa minnu illi dan l-artikolu, safejn iħares id-dritt għar-rispett tal-ħajja tal-familja, ma jagħtix id-dritt li jkollok familja iżda “jippresupponi” l-eżistenza ta’ familja, dan ma jfissirx illi jistgħu jistrieħu fuq dan l-artikolu dawk biss li għandhom familja u mhux ukoll dawk li huma weħedhom. Barra minn hekk, l-artikolu jħares mhux biss id-dritt għar-rispett tal-ħajja tal-familja iżda wkoll id-dritt għar-rispett tal-ħajja privata.

15. Għalhekk, il-fatt illi l-attriċi ma ġabitx prova illi qiegħda f’relazzjoni ta’ familja ma’ ħaddieħor ma jċaħħadhiex minn ħarsien taħt dan l-artikolu.

16. Dwar ir-rispett tal-ħajja privata l-konvenuti appellanti jgħidu illi l-art. 257A tal-Kodiċi Ċivili (dwar annotazzjoni fl-att ta’ twelid) huwa maħsub biss sabiex min ikun kiseb is-sura ta’ persuna ta’ sess li ma jkunx dak li twieldet bih “ma tkunx imbarazzata meta tipproduċi dokumenti uffiċjali li juru xort’oħra”.

17. Huwa minnu illi dan l-aspett tal-ħajja privata huwa mħares bid-dispożizzjonijiet tal-artt. 257A *et seqq.* tal-Kodiċi Ċivili. Huwa minnu wkoll illi l-interpretazzjoni ta’ dawk l-artikoli – jekk l-annotazzjoni hijiex maħsuba biss għall-ħarsien tal-privatezza tal-persuna jew hijiex maħsuba għall-għanijiet u l-effetti kollha tal-liġi – aktar għandha ssir fil-kuntest ta’ proċeduri normali ċivili milli fi proċeduri straordinarji bħal dawn tallum, u f’dan il-kuntest il-qorti ma tistax ma tosservax illi kien ikun ċertament utli li kieku, qabel fetħet din il-kawża tallum, l-attriċi nqdiet bir-rimedji kollha li tagħti l-liġi ordinarja billi tappella mid-deċiżjoni tal-Prim’Awla tal-Qorti Ċivili tal-21 ta’ Mejju 2008, biex hekk l-interpretazzjoni tal-artt. 257A *et seqq.* tkun ingħatat mill-ogħla qorti ta’ kompetenza ċivili.

18. Madankollu, din il-qorti ma taqbilx mal-konvenuti appellanti illi d-dritt ta’ rispett tal-ħajja privata huwa mħares biżżejjed bl-interpretazzjoni mogħtija fis-sentenza tal-21 ta’ Mejju 2008 għax l-attriċi “ma tkunx imbarazzata meta tipproduċi dokumenti uffiċjali”. Id-deċiżjoni jekk wieħed jagħżilx li jiżżewweġ hija intimament marbuta mal-ħajja privata iżda bid-deċiżjoni tar-Reġistratur u bl-interpretazzjoni tal-liġi mogħtija fis-sentenza msemmija l-attriċi qiegħda tiġi mċaħħda mis-setgħa li tagħmel dik l-għażla.

19. Il-konvenuti appellanti iżda jistrieħu fuq it-tieni paragrafu tal-art. 8 tal-Konvenzjoni u jgħidu illi dan l-indħil mill-organi tal-istat fil-ħajja privata tal-attriċi huwa ġustifikat għax:
«… … … dak li qiegħda ssir referenza għalih bħala "żwieġ" imur kontra l-prinċipju ta' ordni pubbliku assodat fis-sistema legali malti fis-sens illi żwieġ jista' jsir biss bejn żewġ persuni ta' sess oppost. L-esponenti jissottomettu illi mill-provi jirriżulta illi l-appellata hija biss *phenotypiclly* mara, u *cioè* għandha biss is-sura esterjuri ta' mara iżda l-organi bħal prostata li hija waħda mid-differenzi bażiċi bejn raġel u mara għadha preżenti fl-appellata u għalhekk taħt il-liġi maltija taż-żwieġ l-appellata qatt ma tista' tiġi ikkonsidrata bħala mara li tista' tikkontratta żwieġ ma' raġel ieħor.»
20. Dan l-argument ma huwiex mingħajr meritu.
21. Ma jistax raġonevolment ma jingħadx illi ż-żwieġ li trid li tidħol fih l-attriċi ma huwiex dak bejn raġel u mara li jaħseb għalih l-Att dwar iż-Żwieġ. Għar-raġunijiet miġjuba tajjeb ħafna fis-sentenza tal-21 ta' Mejju 2008 u li ma hemmx għalfejn jerġgħu jissemmew hawnhekk, l-attriċi ma tistax titqies bħala mara għall-għanijiet u effetti kollha tal-liġi, partikolarment dawk marbutin mal-liġi taż-żwieġ.
22. Jekk it-tifsira ta' dik l-għaqda bejn raġel u mara li nsejħulha żwieġ titwessa', jew, aħjar, tinbidel biex għaqda bejn l-attriċi u raġel ukoll titqies żwieġ, b'hekk tkun qiegħda tinbidel radikalment ukoll in-natura legali tar-relazzjoni ta' dawk li daħlu fi żwieġ kif regolat bl-Att dwar iż-Żwieġ, dak bejn raġel u mara. Id-drittijiet ta' dawn ukoll, iżda, jixraq illi jitħarsu u jixraq li titħares ukoll l-istituzzjoni taż-żwieġ.
23. F'dan il-kuntest, ir-relevanza tal-preċedenti mwaqqfa bid-deċiżjonijiet tal-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem hija biss relativa. Kif osservat dik il-qorti stess fil-każ ta' Goodwin[2], li effettivament bidlet il-ġurisprudenza tal-qorti fuq din il-materja, waħda mir-raġunijiet għal dan kienet illi "*There have been major social changes in the institution of marriage since the adoption of the*

[2] Christine Goodwin *versus* ir-Renju Unit, 11 ta' Lulju 2002 (rikors numru 28957/1995).

*Convention*"[3]. Dawn il-bidliet soċjali, iżda, la seħħew bl-istess mod fil-pajjiżi kollha u lanqas ma jistgħu jiġu imposti minn qorti – organu ġudizzjarju, mhux leġislativ – f'eżerċizzju ta' *social engineering*.

24. Madankollu, il-fatt illi d-deċiżjoni tar-Reġistratur li ma joħroġx it-tnidijiet għaż-żwieġ tal-attriċi kienet tajba u kif trid il-liġi, ma jfissirx illi l-indħil fil-jedd tal-attriċi għall-ħajja privata huwa ġustifikat. Fis-sitwazzjoni kif inhi llum, l-attriċi hija mċaħħda mill-possibbilità li tifforma sħubija tal-ħajja kemm ma' raġel u kemm ma' mara. Iżda huwa dan il-fatt – in-nuqqas tal-liġi li taħseb għal forma ta' sħubija tal-ħajja għal min hu fis-sitwazzjoni tal-attriċi – aktar milli r-rifjut tar-Reġistratur li joħroġ it-tnidijiet għaż-żwieġ li jwassal għall-ksur tal-obbligu pożittiv tal-istat li jara li jkun hemm rispett xieraq għad-dritt tal-attriċi għall-ħajja privata.

25. Din is-sħubija tal-ħajja mhux bilfors trid tkun u, anzi, min-natura tal-affarijiet ma tistax tkun iż-żwieġ. Iżda l-liġi tista' taħseb għal forom oħra ta' sħubija tal-ħajja. Dan ikun ukoll rimedju tajjeb u biżżejjed għall-għanijiet tal-Konvenzjoni għax, kif qalet il-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem fil-każ ta' <u>I *versus* ir-Renju Unit</u>[4], "it is for the Contracting State to determine *inter alia* … … … the formalities applicable to future marriages". Jekk imbagħad is-sħubija tissejjaħx żwieġ (*marriage*) jew sħubija tal-ħajja (*life partnership*) ma jnaqqas xejn mid-drittijiet ta' min jagħżel forma jew oħra ta' sħubija, sakemm jitħares id-dritt ta' dawk li daħlu fi żwieġ taħt l-Att dwar iż-Żwieġ li ma tinbidilx in-natura legali tar-relazzjoni tagħhom, u jitħares id-dritt ta' dawk li, bħall-attriċi, iridu jidħlu f'forma oħra ta' sħubija tal-ħajja.

26. Din il-forma oħra ta' sħubija tal-ħajja tħares ukoll il-jedd għall-ħarsien tal-ħajja tal-familja billi l-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem tagħraf illi ma huwiex meħtieġ iż-żwieġ biex titwaqqaf familja[5].

27. Din il-qorti għalhekk, għalkemm għal raġunijiet diversi, taqbel mal-konklużjoni tal-ewwel qorti illi kien

---

3 Para. 100.

4 11 ta' Lulju 2002 (rikors numru 25680/1994).

5 <u>Johnston u oħrajn *versus* l-Irlanda</u>, 18 ta' Diċembru 1986 (rikors numru 9697/1982).

hemm ksur tal-jedd tal-attriċi għar-rispett tal-ħajja privata tagħha mħares taħt l-art. 8 tal-Konvenzjoni.

**It-tieni Aggravju – l-artikolu 12 tal-Konvenzjoni Ewropeja**

28. Fit-tieni aggravju tagħhom il-konvenuti jgħidu illi l-ewwel qorti interpretat u applikat ħażin l-art. 12 tal-Konvenzjoni, li jgħid hekk:

ARTIKOLU 12

L-irġiel u n-nisa ta' età ta' żwieġ għandhom id-dritt li jiżżewġu u li jkollhom familja, skond il-liġijiet nazzjonali li jirregolaw l-eżerċizzju ta' dan id-dritt.

29. Il-konvenuti jgħidu illi:

«… … … l-Artikolu 12 ma jistax jiġi interpretat illi jagħti *carte blanche* sabiex persuna ta' età taż-żwieġ tikkuntratta żwieġ anke jekk dan imur kontra l-ordni pubbliku tal-istat. … … … Ir-regolament tal-istituzzjoni taż-żwieġ hija wkoll ħaġa li taqa' fil-poteri u fid-diskrezzjoni tal-istati firmatarji tal-Konvenzjoni, u l-Konvenzjoni ċertament li ma tobbliga lil ebda stat li jirrikonoxxi żwieġ li jmur kontra l-ordni pubbliku malti. Iż-żwieġ f'Malta huwa kuntratt ta' natura *sui generis* u ta' ordni pubbliku. Dan il-kuntratt jista' jiġi konkluż biss bejn żewġ persuni ta' sess oppost u dan irid jirriżulta mill-istruttura kemm esterjuri u kemm anatomika, gonodali u kromosomika opposta. Kull interpretazzjoni differenti twassal għal-żwieġ bejn żewġ persuni tal-istess sess li ċertament hija djametrikament opposta għall-ordni pubbliku malti.»

30. L-attriċi taqbel illi l-istat jista' jgħaddi "liġijiet nazzjonali li jirregolaw l-eżerċizzju ta' dan id-dritt", iżda dawn il-liġijiet ma jistgħux ikollhom, bħala effett illi fil-prattika jeliminaw dan id-dritt. Hija tistrieħ fuq is-sentenza fuq imsemmija ta' Goodwin fejn il-Qorti Ewropeja qalet hekk:

«The exercise of the right to marry gives rise to social, personal and legal consequences. It is subject to the national laws of the Contracting States but the limitations thereby introduced must not restrict or reduce the right in such a way or to such an extent that the very essence of the right is impaired.»[6]

---

[6] Para. 99.

31. Dan kollu jkompli jiswa jekk flok il-kliem "*to marry*" jidħol il-kliem "*to enter into a life partnership*", u l-interpretazzjoni x'aktarx wiesgħa tal-art. 12 mogħtija fis-sentenza ta' Goodwin tagħti dan il-jedd ukoll, li minnu l-attriċi ġiet imċaħħda. Il-fatt iżda jibqa' illi l-ksur tal-art. 12 fil-każ tallum seħħ mhux għax l-attriċi ma tħallietx tidħol fi żwieġ taħt l-Att dwar iż- Żwieġ iżda għax il-liġi ma taħsibx għal forom oħra ta' sħubija tal-ħajja li huma miftuħa għall-attriċi.

32. Din il-qorti għalhekk, għalkemm għal raġunijiet diversi, taqbel mal-konklużjoni tal-ewwel qorti illi kien hemm ksur tal-jedd tal-attriċi mħares taħt l-art. 12 tal-Konvenzjoni, fis-sens biss iżda illi l-jedd imħares taħt dak l-artikolu ma huwiex dak regolat fl-Att dwar iż- Żwieġ.

33. Dan iwassal għall-konsegwenza illi r-rimedju mitlub mill-attriċi u mogħti mill-ewwel qorti – biex ir-Reġistratur joħroġ it-tnidijiet għaż-żwieġ – ma huwiex ir-rimedju xieraq fiċ-ċirkostanzi, għax it-tnidijiet li jista' joħroġ ir-Reġistratur huma biss dawk taħt l-Att dwar iż-Żwieġ. F'kull każ, ebda tnidijiet ma jistgħu jinħarġu ladarba, kif ġie verbalizzat fis-seduta tal-14 ta' Frar 2011, l-attriċi stqarret illi "llum hi m'hijiex f'relazzjoni ma' persuna bl-intenzjoni li tiżżewweġ".

**Konklużjoni**

34. Għal dawn ir-raġunijiet il-qorti hekk tirriforma s-sentenza appellata:

i. tikkonfermaha fejn ċaħdet it-tieni u r-raba' talbiet, ukoll għax ma sar ebda appell inċidentali minn din il-parti tas-sentenza;

ii. tirriformaha fejn laqgħet l-ewwel talba fis-sens illi tikkonfermaha fejn qalet illi kien hemm ksur tal-artt. 8 u 12 tal-Konvenzjoni iżda tħassarha fejn qalet illi dan il-ksur seħħ għax il-liġi ta' Malta, kif interpretata u applikata mir-Reġistratur, ma tagħrafx lill-attriċi bħala mara għall-għanijiet u effetti kollha tal-liġi, fosthom dawk ta' żwieġ, u minflok tgħid illi l-ksur seħħ minħabba fin-nuqqas tal-liġi li taħseb għal forma ta' sħubija tal-ħajja għal min hu fis-sitwazzjoni tal-attriċi; u

iii. tħassarha fejn qalet illi r-Reġistratur ma jistax jirrifjuta li joħroġ it-tnidijiet għaż-żwieġ tal-attriċi.

35. Fiċ-ċirkostanzi, l-ispejjeż għandhom jinqasmu bin-nofs bejn il-partijiet.

36. Tordna illi kopja ta’ din is-sentenza tintbagħat minnufih lill-i*Speaker* tal-Kamra tad-Deputati.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------